MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 11/2004/1

**Woodline Limited**

**v.**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell, interpost mill-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Lulju 2005 li permezz taghha hija laqghet it-talba tas-socjeta` Woodline Limited

ghal rimedju taht il-Kap. 319 ghal allegat ksur tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Permezz tar-rikors promotorju prezentat fit-12 ta' April 2004, l-imsemmija socjeta` kienet fissret li hija kellha thallas ammont sostanzjali bhala taxxa tal-VAT, taxxa addizzjonali, kif ukoll imghax u penali li ddekorrew. Ir-rikors ikompli hekk:

**"Illi s-socjeta` rikorrenti ghamlet il-proceduri kollha necessarji u ikkontemplati fil-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u meta l-imsemmija proceduri kienu ghadhom pendenti s-socjeta` rikorrenti giet innotifikata b'ittra ufficjali min-naha ta' l-intimat halli din thallas l-ammonti hawn fuq indikati u fin-nuqqas l-intimat kien se johrog il-mandati opportuni fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti, kif ukoll jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tad-diretturi ta' l-istess socjeta`.**

**"Illi minhabba tali pressjoni min-naha ta' l-intimat, is-socjeta` rikorrenti ottemperat ruhha billi hallset l-ammont globali ta' sebgha u tmenin elf disa' mija u ghoxrin liri Maltin u tletin centezmu [Lm87,920.30]."**

Kompliet tfisser is-socjeta` rikorrenti (illum appellata) li wara li kien sar dan il-hlas thabbret Skema ta' Tnaqqis tat-Taxxa Addizzjonali – effettivament forma ta' amnestija – b'tali mod li min kien ghadu ma hallasx dik it-taxxa addizzjonali (u l-imghax komputat fuqha) *"…kien se jgawdi minn tnaqqis ta' 90% fuq il-penalitajiet li kienu dovuti minnu in konnessjoni mal-VAT 1995*[1] *li kienet l-istess VAT li a bazi taghha hallset l-ammont hawn fuq*

[1] Jigi precizat li s-socjeta` rikorrenti qed tilmenta minn diskriminazzjoni minhabba biss li kellha thallas dak dovut taht il-VAT 1995 u mhux minhabba li kellha thallas xi haga taht ic-CET 1997 (ara wkoll it-tieni talba fir-rikors promotorju). L-amnestija in kwistjoni kienet tapplika wkoll ghat-taxxa addizzjonali taht l-imsemmija ligi tac-CET – ara d-dokument a fol. 36 ta' l-atti. F'dak id-dokument jinghad *inter alia* "Din l-iskema tapplika ghal dawk il-persuni li fuqhom giet imposta Taxxa Addizzjonali talli baghtu xi denunzja jew denunzji taghhom tard jew talli naqsu li jirregistraw fil-hin ghall-finijiet ta' l-Atti [i.e. VAT 1995 u CET 1997] u ghad fadlilhom xi bilanc x'jithallas."

*indikat is-socjeta` rikorrenti."* Skond l-imsemmija socjeta` dan l-agir ta' l-intimat – cioe` li l-ewwel jinsisti maghha li jithallas dak li kien lilu dovut u wara japplika amnestija fir-rigward ta' min ma kienx hallas – kien jammonta ghall-ksur tad-drittijiet fondamentali taghha protetti bl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ta' l-istess Konvenzjoni, u li b'dan l-agir "diskriminatorju da parti ta' l-intimat" hija sofriet pregudizzju finanzjarju konsiderevoli *"…ghaliex hija dahlet f'diffikultajiet finanzjarji kbar…halli thallas dak li kien dovut minnha lill-intimat u dak li l-intimat kien qed jinterpellaha halli thallas…"* mentri min ma kienx ottempera ruhu mal-ligi tal-VAT gawda mill-amnestija u ffranka eluf ta' liri. Hija kompliet tilmenta fir-rikors promotorju li peress li l-intimat ma kienx indenja ruhu jinfurmaha illi kienet ser tohrog amnestija, gie vjolat ukoll il-principju jew dottrina ta' "legitimate expectations" zviluppata mill-Qorti Ewropea, u dan senjatament billi l-intimat ha decizjoni wahda (li jitlob il-hlas ta' dak kollu dovut) kontrastanti ma' l-ohra (li jirriduci t-Taxxa Addizzjonali ghal 10%). *"Kieku s-socjeta`rikorrenti,"* ikompli jinghad fir-rikors promotorju, *"inghatat x'tifhem jew giet informata mill-intimat illi kienet se tinghata amnestija lil dawk li jonqsu milli jottemperaw ruhhom, bir-rispett kollu s-socjeta` rikorrenti kienet taghmel bhal hafna ohrajn u ma thallasx halli mbaghad tgawdi mill-amnestija."* Premess dan kollu, is-socjeta` Woodline Limited talbet li l-Prim Awla:

**"1. tiddikjara illi permezz ta' l-agir ta' l-intimat hawn fuq spjegat gew lezi d-drittijiet umani u fundamentali taghha ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem hekk kif res applikabbli mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem;**

**"2. taghti dawk ir-rimedji li fid-diskrezzjoni wiesgha taghha hija thoss li huma xierqa w opportuni, inkluz u b'mod partikolari illi tordna illi s-socjeta` kummercjali rikorrenti tigi inkluza mill-intimat [fl-i] Skema ta' Tnaqqis tat-Taxxa Addizzjonali li thabbret fil-Budget tas-sena 2002 u wkoll tordna lill-istess intimat illi**

**jhallas u jirrifondi lura lis-socjeta` kummercjali rikorrenti dik is-somma li tirrapresenta d-differenza bejn dak li effettivament hija hallset bhala penali u imghax ghall-VAT 1995 u dak li setghet gawdiet mill-Iskema hawn fuq imsemmija."**

Fir-risposta[2] tieghu ghal dan ir-rikors, l-intimat (illum appellant) Kummissarju tal-VAT fisser li s-socjeta` rikorrenti ma kienet sofriet ebda pregudizzju billi hallset it-taxxa u l-penali dovuti minnha skond il-ligi, u li ma kien hemm ebda vjolazzjoni tal-Konvenzjoni, kif allegat mis-socjeta` rikorrenti. Skond hu, id-distinzjoni fir-rikors promotur bejn persuni li lahqu hallsu u dawk li ma kienux hallsu kienet irrelevanti ghall-fini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, peress li l-amnestija kienet tapplika ghal kull min kien fis-sitwazzjoni kontemplata fl-iskema meta din inharget u ghalhekk l-iskema ma kienet taghmel ebda diskriminazzjoni abbazi tar-ragunijiet imsemmija fl-imsemmi Artikolu 14 jew xi kriterju iehor *eiusdem generis*. Sostna ghalhekk li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni bi ksur tal-ligi. Dwar il-kwistjoni tal-"legitimate expectation" huwa qal hekk:

**"Illi dwar l-allegata 'legitimate expectation', ghad illi din mhix relevanti ghall-azzjoni odjerna, ghandu jinghad illi bl-ebda mod ma jista' jigi validament sostnut illi bil-mod kif agixxa l-intimat kiser xi aspettattiva legittima tas-socjeta` rikorrenti illi tigi avzata biex ma thallasx it-taxxa u l-penali dovuti minnha *ex lege* ghax fil-futur setghet tinghata xi amnestija. Huwa principju stabbilit illi t-taxxa tithallas skond ir-rata applikabbli fil-gurnata tal-hlas u certament huwa anti-socjali u anti-guridiku illi wiehed jippretendi illi Dipartiment tal-Gvern inkarigat mill-gbir tat-taxxi jghid lin-nies biex ma jhallsux dak li huwa dovut minnhom ghax fil-futur tista' tinghata xi amnestija. Ghall-kuntrarju, huwa socjalment mehtieg illi l-amnestiji japplikaw fil-minimu tal-kazijiet possibbli."**

[2] Fol. 9 *et seq.*

**Is-sentenza appellata**

Fis-sentenza taghha tal-11 ta' Lulju 2005, il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:

**"Ghal dawn il-motivi:**

**"Il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni li s-socjeta` rikorrenti ma sofriet ebda pregudizzju billi hallset it-taxxa u l-penali. Il-pregudizzju hu car u jikkonsisti f'li kieku ma saritx pressjoni diskriminatorja specjali fuqha aktar milli sar fil-kwantita` kbira ta' kazijiet ohra, ma kienx isir il-hlas u kienet tibbenefika mill-amnestija bhal tant ohrajn.**

**"Dwar it-tieni eccezzjoni li l-obbligu tal-hlas tat-taxxi ma jivvjolax l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll, dan ma hux in diskussjoni. Dak li ssostni is-socjeta` rikorrenti [hu] li dan l-artikolu jrid jinqara flimkien ma' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u dawn iwasslu ghal diskriminazzjoni kontra s-socjeta` rikorrenti. Ghalhekk din l-eccezzjoni hi wkoll michuda.**

**"Fuq l-eccezzjoni dwar il-'legitimate expectation' din il-Qorti ma thossx il-bzonn li tippronunzja ruhha fuqha ghax lanqas ezaminata min-naha tat-talbiet rikorrenti.**

**"Ghalhekk tiddikjara li permezz ta' l-agir ta' l-intimat hawn fuq spjegat gew lezi d-drittijiet umani u fundamentali taghha ai termini ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem hekk kif res applikabbli mill-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani u Fundamentali tal-Bniedem.**

**"Tordna li s-socjeta` kummercjali rikorrenti tigi inkluza mill-intimat fl-Iskema tat-Tnaqqis tat-Taxxa Addizzjonali li thabbret fil-Budget tas-sena 2002 u wkoll tordna lill-istess intimat illi jhallas u jirrifondi lura lis-socjeta` kummercjali rikorrenti dik is-somma li tirrapresenta d-differenza bejn dak li effettivament hija**

**hallset bhala penali u imghax ghall-VAT 1995 u dak li setghet gawdiet mill-Iskema hawn fuq imsemmija.**

**“Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.”**

Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qalet, *inter alia*, hekk:

**“Issa fil-kaz in ezami l-intimat ma ta ebda raguni valida ghaliex Woodline Limited inghatat trattament differenti minn persuni fisici jew morali ohra li kellhom jithallsu. Ma irrizultax li hemm xi ghan legittimu ghala Woodline Limited giet trattata b’mod differenti minn pagaturi ohra tat-taxxa in kwistjoni. L-intimat bl-ebda mod ma rnexxielu jipprova li hemm dan l-ghan legittimu li jiggustifika t-trattament diskriminatorju tieghu fil-konfront tal-Woodline Limited. Il-Pulizija baghtet ghad-Direttur tal-Woodline Limited u hawn jirrizulta car li ghalhekk l-imsemmija socjeta` giet trattata b’mod differenti minn debituri ohra tal-VAT u ma inghata ebda raguni valida ghal dan. Mix-xhieda tal-Ispettur Helga Debono jirrizulta li din baghtet ghal Greta Bugeja u wara dan thallas l-ammont dovut mill-Woodline Limited. Irrizulta car li kien hemm pressjoni fuq Greta Bugeja li kieku ma hallsitx kienet se tigi rinfacjata bi proceduri kriminali. Certament li dina tammonta ghal pressjoni konsiderevoli fuqha li waslet biex hija taqbad u thallas dak il huwa dovut, liema trattament ma sarx ma’ numru kbir hafna ta’ debituri ohra u hawn tirrizulta d-diskriminazzjoni. Ghalhekk fil-kaz in ezami jirrizulta li:**

**1. kazijiet ugwali jew persuni f’sitwazzjonijiet ugwali;**
**2. gew trattati b’mod differenti (billi fil-kaz tal-Woodline Limited mhux biss inhareg mandat ta’ sekwestru izda wkoll il-pulizija baghtet ghall-wahda mid-diretturi li ghalhekk kienet ser taffacja proceduri kriminali);**
**3. meta ma kienx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti;**

**4. ma kienx hemm rapport ragonevoli ta' proporzjonalita` bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat.**

**Ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ppruvat l-fatt tad-diskriminazzjoni. Kien ghalhekk jispetta lill-intimat li juri li dak l-agir kien fic-cirkostanzi gustifikat. Tali gustifikazzjoni ma gietx ippruvata.**

**Din il-Qorti tinkwieta taqra kummenti bhal ma kien hemm fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-intimat li kull ma ghamel l-intimat kien li ha hsieb biex jigbor dak dovut. Allura l-intimat f'kull kaz talab lill-Pulizija tibghat ghal kull min kellu jaghti! Certament li din il-Qorti ma taqbilx ma' nies li jkollhom ihallsu u ma jhallsux, izda ma tista' qatt taqbel li ma' dawk li ma jhallsux ma jintuzawx l-istess mizuri. Il-Qorti ghandha l-obbligu li ma tibza' minn hadd fil-protezzjoni tad-drittijiet tac-cittadini. Certament li l-Qorti ma kenitx tasal ghal dawn il-konkluzjonijiet li kieku ma' kull min kellu jaghti intuzat il-procedura tas-sekwestru' izda ma tistax li ma xi whud tibghat ghalihom il-Pulizija u wara tohrog amnestija li hija igawdu dawk li jkunu ittiehdu dawk il-proceduri kontra taghhom."**

**L-appell**

Kif inghad, minn din is-sentenza appella l-intimat Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan permezz ta' rikors minnu intavolat fid-29 ta' Lulju 2005 (fol. 112). Bazikament l-imsemmi Kummissarju jikkontendi (1) li ma kien hemm ebda "pressjoni diskriminatorja" ezercitata fuq is-socjeta` Woodline Limited; (2) li fi kwalunkwe kaz kien hemm applikazzjoni skoretta tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni anke meta abbinat ma' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, peress illi (fi kliem l-istess rikors) *"…ma jezisti ebda dritt fondamentali illi jintitola lil xi hadd illi ma jhallasx taxxa (anzi l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jghid proprju l-kuntrarju) u ghalhekk qatt ma jista' jkun hemm 'diskriminazzjoni' fit-tgawdija ta' dan id-dritt 'fondamentali' li ma jezistix"*; u (3) li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti kien zbaljat.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-meritu ta' l-appell, tajjeb li jsiru xi osservazzjonijiet preliminari a skans ta' ekwivoci. Fl-ewwel udjenza quddiem il-Prim Awla (l-udjenza tal-20 ta' April 2004) gie registrat is-segwenti verbal:

**"Meta ssejjah ir-rikors dehret Miss Greta Bugeja assistita minn Dr. Jose` Herrera u minn Dr. Shazoo Ghaznavi.**

**"Deher is-Sur Charles Caruana assistit minn Dr. Peter Grech u minn Dr. Carmelo Grima.**

**"<u>Il-partijiet jiddikjaraw li jaqblu dwar il-fatti esposti fir-rikors</u>.**

**"Dr. Herrera jiddikjara li stante d-dikjarazzjoni maghmula ghandu bzonn biss bhala xhieda lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**"<u>Dr. Grech u Dr. Grima jikkwalifikaw id-dikjarazzjoni maghmula fis-sens li l-fatti jirreferi u mhux ghall-interpretazzjoni tal-fatti izda ghall-fatti *ut sic*</u>.**

**"Ir-rikors qed jigi differit ghall-10 ta' Mejju 2004 fl-10.45 ghall-provi tas-socjeta` attrici."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Mill-partijiet sottolineati – u minkejja n-nuqqas ta' kjarezza tat-tieni parti sottolineata – jidher li dak li kien hemm qbil dwaru kien biss il-fatt li s-socjeta` Woodline Ltd kellha thallas taxxa, taxxa addizzjonali w imghax (l-ewwel paragrafu tar-rikors promotorju); li hija giet notifikata b'ittra ufficjali biex thallas, liema ittra kienet tghid li fin-nuqqas jittiehdu proceduri ohra kontra taghha (it-tieni paragrafu); li "minhabba tali pressjoni" is-socjeta` hallset (it-tielet paragrafu); u li wara harget l-Iskema jew amnestija li minnha hija ma setghetx tibbenefika ghax kienet diga`

hallset (ir-raba' paragrafu). L-intimat appellant f'ebda stadju ma "qabel" li dan kien jammonta jew ghal "diskriminazzjoni" jew ghal xi ksur ta' disposizzjoni, wahda jew aktar, tal-Konvenzjoni. Effettivament fil-kors tas-smigh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti s-socjeta` rikorrenti ipproduciet bhala xhieda lil Charles Caruana (ufficjal fid-Dipartiment tal-VAT) (fol. 16), David Pace (*accountant* u konsulent mas-socjeta` rikorrenti) (fol. 21), l-iSpettur tal-Pulizija Helga Debono (fol. 40) u lil Christopher Gatt, Direttur tas-Socjeta` Woodline Ltd (fol. 50). X'qalu jew ma qalux dawn ser jigi kkunsidrat min hawn u ftit iehor. Fil-kuntest ta' din il-precisazzjoni, ghandu jinghad ukoll li s-socjeta` rikorrenti appellata, fir-rikors promotorju taghha, taccenna ghall-fatt li bhalma l-Kummissarju interpella lilha biex thallas, interpella wkoll persuni ohra. Infatti l-ghaxar paragrafu ta' l-imsemmi rikors ighid hekk:

**"Illi s-socjeta` rikorrenti tirrileva illi certament fil-kaz odjern dan il-principju[3] ma giex osservat min-naha ta' l-intimat u dana ghaliex huwa ha decizjoni wahda kontrastanti ma' l-ohra. Fuq naha wahda l-intimat interpella ghal diversi drabi [hekk kif del resto huwa xoghlu] lil dawk il-persuni li ma kienux ottemperaw ruhhom mal-ligi tal-VAT halli dawn jottemperaw u fil-fatt jottemperaw ruhhom u ftit wara u fuq in-naha l-ohra imbaghad ta amnestija lil dawk il-persuni li gew jaqghu u jqumu mill-interpellazzjonijiet tieghu u qatt ma ottemperaw ruhhom."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

Precisazzjoni preliminari ohra li ghandha ssir hija li fir-rigward ta' "the doctrine of legitimate expectations", is-socjeta` rikorrenti ma jidhirx li baqghet tinsisti fuqha (kif anke gie accennat fid-*decide* tas-sentenza appellata). Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha quddiem l-ewwel Qorti, is-socjeta` rikorrenti ma ghamlet ebda accenn ghal din id-dottrina, jew kif din setghet tkun applikabbli fil-kaz *de quo*. Fi kwalunkwe kaz, dan il-kuncett – elaborat fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej – hu fis-sens li mizura komunitarja (u ghalhekk mhux xi haga li m'ghandhiex x'taqsam mal-ligi

---

[3] Ta' "the doctrine of legitimate expectations".

komunitarja) ma tistax fiha nnifisha, jew fil-mod kif tigi applikata jew interpretata, tivvjola l-aspettattivi legittimi tal-persuni koncernati hlief jekk ikun hemm raguni impellenti ta’ interess pubbliku[4]. Biex aspettattiva tista’ titqies li hija legittima, trid tkun l-ewwel u qabel kollox wahda ragjonevoli u mhux ibbazata fuq semplici spekulazzjoni – u din il-Qorti difficilment tista’ tifhem kif persuna li ghandha thallas, skond il-ligi, taxxa, penali u imghax tista’ ragjonevolment tippretendi li mhux ser ikollha thallas ghax jista’ talvolta jkun hemm amnestija.

Nigu issa ghall-meritu proprju. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, u kuntrarjament ghal dak li donnu qed jippretendi l-appellant, amnestija bhal dik in dizamina tista’ tilledi l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni moqri flimkien ma’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll ta’ l-istess Konvenzjoni anke minghajr ma jkun hemm lezjoni ta’ l-imsemmi Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll innifsu. Kif gustament osservat l-ewwel Qorti, anke fuq l-iskorta tas-sentenza tal-Prim Awla tal-11 ta’ Awissu 2000 fl-ismijiet ***Katerina Cachia v. Direttur Generali tad-Dipartiment tas-Sahha et***, biex ikollok vjolazzjoni ta’ l-Artikolu 14 meta ma hemmx vjolazzjoni ta’ xi artikolu sostantiv, il-fatti lamentati u li jiddiskriminaw iridu jaqghu f’dik il-margini ta’ diskrezzjoni li l-iStat ghandu fl-implimentazzjoni tad-disposizzjoni sostantiva jew ikunu intimament konnessi mat-tgawdija tad-disposizzjoni sostantiva. Issa, ma hemmx dubju li l-imposizzjoni u l-gbir tat-taxxi – attivita` permessa skond it-tieni parti ta’ l-imsemmi Artikolu 1[5] – hija intimament konnessa mat-tgawdija tal-proprjeta` ta’ dak li jkun u, anzi, taqa’ f’dik il-margini ta’ diskrezzjoni li l-iStat ghandu proprju biex, b’deroga ta’ dak li hu provvdut fl-ewwel parti ta’ l-Artikolu 1, jispussessa lil dak li jkun mill-proprjeta` tieghu. Hija koncepibbli, infatti, sitwazzjoni fejn amnestija f’dan il-kamp tat-taxxi[6] tkun evidentement intiza

[4] Ara *inter alia* Hartley T. C., **The Foundations of European Community Law** OUP (1998), pp. 145-147; u Craig P. u De Burca G., **EU Law: Texts, Cases and Materials** OUP 2003, pp. 382-387.

[5] “Izda d-disposizzjonijiet ta’ qabel ma ghandhom b’ebda mod inaqqsu d-dritt ta’ Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta’ proprjeta` skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta’ taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.”

[6] Il-posizzjoni hija evidentement differenti – minhabba l-ghan legittimu differenti – meta si tratta ta’ mahfra, hekk imsejha “proklama”, moghtija lil persuna biex din tkun tista’ liberament tixhed fi proceduri kriminali.

– bil-mod kif tkun formulata jew applikata – biex tivvantaggja lil persuna partikolari u mhux lill-persuni kollha li jkun f'sitwazzjoni simili ghal ta' dik il-persuna. F'dan il-kaz ikun jista' jigi argumentat li t-trattament differenti (id-"diskriminazzjoni") ma ghandux ghan oggettiv u ragjonevoli, u ghalhekk legittimu. Kif inghad mill-Qorti ta' Strasbourg, u riprodott anke fis-sentenza appellata:

**"Article 14 will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in 'relevantly' similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated."** [7]

Jista', pero`, jinghad li fil-kaz *de quo* kien hemm diskriminazzjoni – jigifieri trattament <u>differenti</u> ta' persuni (anke jekk persuni mhux naturali izda guridici) li kienu f'sitwazzjoni simili (mhux neccessarjament identika)? Huwa veru, kif osservat l-ewwel Qorti f'dik il-parti tas-sentenza taghha fejn enuncjat il-principji legali, li <u>jekk tigi ippruvata id-diskriminazzjoni</u> ikun jispetta lill-intimat li jipprova li dik id-diskriminazzjoni kellha ghan legittimu (cioe` bazi oggettiva w ragjonevoli) – <u>pero` l-ewwel u qabel kollox ir-rikorrent irid jipprova din id-diskriminazzjoni ossia trattament differenti</u>. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax tifhem kif u fejn dik il-Qorti sabet li gie ippruvat li l-appellant odjern ittratta b'mod differenti (u allura diskriminatorju) lis-socjeta` Woodline Limited in konnessjoni mat-taxxa (inkluza penali w imghax) li kienet dovuta. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha, u <u>minn imkien</u> ma jirrizulta li s-socjeta` appellata giet trattata b'mod differenti minn kif gew trattati persuni ohra li kellhom ihallsu qabel ma thabbret l-amnestija. Hekk, per ezempju, mid-deposizzjoni ta' Charles Caruana (fol. 16 sa 20) jirrizulta li s-socjeta` kellha taghti certu ammont ta' flus lid-Dipartiment tal-VAT u ghalhekk il-Kummissarju ipproceda permezz ta' intimazzjoni ufficjali (ittra ufficjali) (il-mandat ta' sekwestru

[7] ***Spadea and Scalabrino v. Italy*** 28/9/1995 A.315-B, p. 28, para. 45.

– li ghalih hemm referenza fis-sentenza appellata – ma kienx jikkoncerna flus dovuti taht il-VAT 1995, li huwa l-meritu tal-kawza odjerna, izda dak dovut taht ic-CET 1997[8]). Is-socjeta` hallset dak kollu li kien minnha dovut ghall-VAT 1995 fit-3 ta' April 2001 [9]. Mid-deposizzjoni ta' dan Caruana, sia in ezami sia in kontro-ezami, ma jirrizulta b'ebda mod li persuni jew socjetajiet ohra li wkoll kellhom jaghtu lid-Dipartiment (sia jekk taht il-ligi tal-VAT u sia jekk taht dik tac-CET) gew trattati b'mod differenti minn kif giet trattata s-socjeta` Woodline Limited sa ma thabbret l-amnestija (din thabbret sena u tmien xhur wara li s-socjeta` kienet hallset dak kollu minnha dovut[10]). Hekk ukoll mid-deposizzjoni ta' David Pace[11] – minnha ma jirrizulta anqas xi indikazzjoni li persuni jew kumpaniji ohra li kienu fl-istess sitwazzjoni ta' Woodline gew trattati b'mod differenti. Huwa veru li dan ix-xhud ighid:

**"Li kienet daqsxejn forsi stramba iktar mis-soltu illi darba minnhom donnu kien hemm *pressure* qawwi fuq id-diretturi ghax anke kienu hargu xi sekwestri mid-dipartiment kontra l-kumpanija u riedu jressqu lid-diretturi fuq *misappropriation of public funds* u infatti jekk niftakar tajjeb lis-Sinjura Bugeja kienet anke ghajtithilha s-Supretendenta Mamo jekk niftakar tajjeb biex tara jekk kienx hemm verament dan il-*misappropriation of public funds* u biex tara jekk il-kumpanija hemmx cans illi thallashom biex il-pulizija ma jkollhomx ghalfejn jipprocedu fuq din il-linja."** [12] (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa, apparti li l-uniku mandat ta' sekwestru li jirrizulta kien jirreferi, kif diga` inghad, ghall-hlas tat-taxxa tac-CET, u apparti l-fatt li Greta Bugeja kienu kellmuha l-pulizija f'Dicembru tas-sena 2001 (u ghalhekk ferm wara li s-socjeta` Woodline kienet hallset dak kollu dovut taht il-VAT 1995) in konnessjoni ma' taxxa dovuta minn kumpanija ohra – Business Systems Limited[13] – dan ma

[8] Ara d-deposizzjoni ta' Charles Caruana a fol. 19; ara wkoll id-dokument a fol. 28.
[9] L-amnestija thabbret fid-diskors tal-Budget ghas-sena 2003.
[10] Ara fol. 20.
[11] Fol. 21 *et seq.*
[12] Fol. 22-23.
[13] Ara d-deposizzjoni ta' l-iSpettur Helga Debono, fol. 40 *et seq.*

jfissirx li fuq persuni jew kumpanija ohra ma kienx hemm dan it-tip ta' pressjoni. L-istess, jekk wiehed jaqra d-deposizzjonijiet kemm ta' l-iSpettur Helga Debono (fol. 40) u ta' Christopher Gatt (fol. 50) – minn imkien ma jirrizulta xi trattament differenti. Anzi pjuttost jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-imsemmja Spettur tal-Pulizija li dak li sar kien konformi ma' procedura ta' applikazzjoni generali:

**"Ahna ghandna procedura mal-VAT Department li meta jkunu l-flus li ingabru ma thallsux inqisuhom bhala *misappropriation* u allura dik hi r-raguni li nibghatu ghan-nies."** [14]

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax hlief tikkonkludi li l-konkluzjonijiet milhuqa mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha u senjatament li *"…Woodline Limited giet trattata b'mod differenti minn pagaturi ohra tat-taxxa in kwistjoni…"*, li kien hemm da parti ta' l-appellant *"…trattament diskriminatorju fil-konfront ta' Woodline Limited…"*, li *"…jirrizulta car li l-imsemmija socjeta` giet trattata b'mod differenti minn debituri ohra tal-VAT…"*, li l-Pulizija ittrattat ma' Greta Bugeja b'mod li kien hemm *"…trattament [li] ma sarx ma' numru kbir hafna ta' debituri ohra u hawn tirrizulta d-diskriminazzjoni"*, li b'xi mod irrizulta li *"…ma' dawk li ma jhallsux ma jintuzawx l-istess mizuri"* u li fil-konfront tas-socjeta` appellata intuzat *"…pressjoni diskriminatorja specjali fuqha aktar milli sar fil-kwantita` kbira ta' kazijiet ohra…"* huma kollha konkluzjonijiet ibbazati fuq apprezzament manifestament zbaljat tal-provi (u dan anke meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni dak li hemm fil-verbal tal-20 ta' April 2004, *supra*). Konsegwentement l-ewwel aggravju ta' l-appellant hu fondat, u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-aggravji l-ohra.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tirrespingi t-talbiet kif originarjament dedotti mis-socjeta` Woodline Limited fir-rikors promotorju. L-ispejjez kemm ta' l-ewwel istanza kif

[14] Fol. 41.

ukoll ta' dan l-appell ghandhom jithallsu mis-socjeta` appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------